MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 658/1998/1

**Dr. Eddie Fenech Adami bhala Kap, Dr. Lawrence Gonzi bhala Segretarju Generali u Dr. Francis Zammit Dimech bhala President tal-Kunsill Amministrattiv tal-Partit Nazzjonalista u in rappresentanza ta' l-istess u s-socjeta` Multicomm Limited**

**vs**

**Id-Direttur tal-Wireless and Telegraphy Department, u il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza finali moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Lulju, 2002 kif ukoll minn sentenza preliminari, moghtija mill-istess Qorti fl-istess proceduri, fid-29 ta' Lulju, 1998. Ghall-precizjoni ghandu jinghad li proprjament hemm zewg appelli – dak tad-Direttur tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili u tal-Kummissarju tal-Pulizija (migjub permezz tar-rikors tas-16 ta' Lulju, 2002) u l-appell incidentali tal-Avukat Eddie Fenech Adami nomine et. migjub flimkien mar-risposta ghar-rikors ta' appell tal-25 ta' Lulju, 2002.

2. Permezz ta' rikors datat 5 ta' Gunju, 1998 prezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-Avukati Dott. Eddie Fenech Adami, Dott. Lawrence Gonzi u Dott. Francis Zammit Dimech fil-kwalita` rispettiva taghhom kif hawn aktar 'l fuq indikat, ippremettew:

1. Illi fid-29 ta' Mejju, 1998 l-intimati jew l-agenti ordnati minnhom ippruvaw inehhu u jikkonfiskaw l-apparat ta' trasmissjoni bit-televizjoni li huma, bil-permess tal-Awtorita` tax-Xandir kellhom fil-kumpless tal-Master Antenna tat-Torri tal-Gharghur u f'kamra hemm mikrija lilhom mill-istess Awtorita`;
2. Illi dana l-intimati ppruvaw jaghmluh bi ksur tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni li ma jippermetti lil hadd jidhol fi proprjeta` ta' haddiehor u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni li jiggarantixxi li ebda proprjeta` ma tittiehed bla hlas ta' kumpens xieraq, u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jiggarantixxi t-tgawdija pacifika tal-proprjeta`;
3. Illi barra minn hekk l-ordni ta' l-ewwel intimat (cioe` tad-Direttur tal-Wireless and Telegraphy Department) li jitnehha l-apparat kien jivvjola l-liberta` tal-espressjoni tal-Partit Nazzjonalista u kien diskriminatorju fil-konfront tieghu bi ksur tal-Artikoli 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 10 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea;
4. Illi r-rikorrenti kienu ottjenew il-hrug ta' mandat kawtelatorju[1] numru 1991/98 fid-29 ta' Mejju, 1998 kontra

[1] Ta' inibizzjoni.

l-intimati sabiex dawna ma jnehhux, jew jaghtu struzzjonijiet lil haddiehor biex inehhi, l-apparat ta' trasmissjoni proprjeta` tar-rikorrenti li kien hemm fil-kamra mikrija lill istess atturi u taht il-kontroll taghhom fil-kumpless tal-Master Antenna tat-Torri tal-Gharghur fil-Gharghur –

Premess dan, ir-rikorrenti talbu lil dik il-Qorti sabiex joghgobha, prevja d-dikjarazzjoni illi l-agir ta' l-intimati, inkluza l-ordni ta' l-ewwel intimat li jnehhi tali apparat, illeda jew kien x'aktarx ser jilledi id-drittijiet tar-rikorrenti sanciti bl-Artikoli 38, 37, 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikoli 10 u 14 tal-istess Konvenzjoni, tikkonferma l-mandat kawtelatorju fuq indikat u tinibixxi lill-intimati milli jnehhu jew jaghtu istruzzjonijiet lil haddiehor sabiex inehhi l-apparat ta' trasmissjoni proprjeta` tar-rikorrenti li kien hemm fil-kumpless fuq indikat u fil-kamra mikrija lill-istess rikorrenti minghand l-Awtorita` tax-Xandir fl-istess kumpless tal-Master Antenna tat-Torri tal-Ghargur, Gharghur – bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat numru 1991/98 kontra l-intimati.

3. Permezz tar-risposta taghhom tat-8 ta' Gunju, 1998, l-intimati, apparti li cahdu li kien hemm xi ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, eccepew in linea preliminari (1) li t-talba tar-rikorrenti sabiex il-Qorti tikkonferma il-mandat kawtelatorju 1991/98 tad-29 ta' Mejju, 1998 kienet irritwali, u (2) li r-rikorrenti l-Avukati Fenech Adami, Gonzi u Zammit Dimech ma kellhomx *locus standi* fil-kawza peress illi l-apparat in kwistjoni kien jappartjeni lis-socjeta` Multicomm Limited, filwaqt li d-dritt ta' partiti politici li jitrasmettu bir-radju u bit-televizjoni kien ezercitabbli skond l-Att ta' l-1991 dwar ix-Xandir tramite kumpanija kummercjali – f'dan il-kaz proprju il-Multicomm – u li ghalhekk din kienet adegwatament rapprezentata fir-rikors promotur u ma kienx hemm il-htiega tal-intervent tar-rikorrenti l-ohra fil-kwalita` taghhom premessa.

4. B'sentenza tad-29 ta' Lulju, 1998 il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimati;

u permezz tas-sentenza tal-4 ta' Lulju, 2002 dik il-Qorti ipprovdiet dwar ir-talbiet tar-rikorrenti billi iddikjarat illi:

**…'l fuq imsemmi agir tal-intimati kollha, kif ukoll l-ordni tal-intimat Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, allura Nikol Scicluna, li jisgassa proprjeta` tar-rikorrenti, kien illeda id-drittijiet taghhom sanciti (A) bl-Artikoli 38 u 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li, rispettivament, jiggarantixxu li hadd ma jidhol abuzivament jew minghajr raguni valida legalment fil-proprjeta` ta' haddiehor, u li ebda proprjeta` ma tittiehed bla hlas ta' kumpens xieraq, (B) bl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jiggarantixxi t-tgawdija pacifika tal-proprjeta`, (C) bl-Artikoli 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta w l-Artikoli 10 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea li, rispettivament, jiggarantixxu l-liberta` ta' espressjoni w juru li l-ordni fuq imsemmi ta' l-intimat Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili kien ordni diskriminatorju.**

Kwantu ghal rimedju, dik il-Qorti qalet hekk:

**1. Tikkonferma l-mandat kawtelatorju numru 1991/1998;**
**2. Tinibixxi lill-intimati milli jnehhu, jew jaghtu xi struzzjonijiet lil haddiehor biex inehhi, l-apparat kollu ta' trasmissjoni bit-televizjoni, proprjeta` tar-rikorrenti, li hemm fil-kumpless tal-Master Antenna tal-Gharghur, kif ukoll fil-kamra li qedha fil-pussess u kontroll effettiv tar-rikorrenti ukoll fl-istess imsemmi kumpless;**
**3. Tordna lill-intimati sabiex minnufih jaghtu lir-rikorrenti kull facilita` biex huma wkoll ikunu fl-istess posizzjoni ta' haddiehor biex liberament u minghajr ebda xkiel ixandru bit-televizjoni mill-kumpless tal-Master Antenna tal-Gharghur;**
**4. Tikkundanna lill-intimati sabiex, 'in solidum' bejniethom ihallsu lir-rikorrenti, in linea ta' kumpens li l-Qorti tara li huwa wiehed adegwat u xieraq fic-cirkostanzi, is-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000). Bl-ispejjez kollha, kemm ta' dawn il-**

**proceduri kif ukoll tal-Mandat numru 1991/1998, kontra l-intimati.**

5. Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat is-segwenti:

Illi l-**fatti** fil-qosor li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

Fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Mejju, 1998, ghal habta ta' xi l-10.00 p.m., l-intimat Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, li dak iz-zmien kien is-Sur Nikol Scicluna, flimkien ma', u bl-assistenza ta' ufficcjali gholja tal-Korp tal-Pulizija w membri ta' dan il-Korp, marru fil-kumpless tal-Master Antenna tat-torri tal-Gharghur u f' kamra fl-inhawi, u dan biex jidhlu, anke jekk hemm bzonn permezz ta' sgass, kif hedded li jaghmel l-imsemmi Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, f' propjeta` ta' l-Awtorita` tax-Xandir li kienet materjalment fil-pussess u kontroll tar-rikorrenti, u dan sabiex minn hemmhekk jelevaw apparat (transmitter) tat-trasmissjoni bit-televizjoni tar-rikorrenti w jehduh.

Illi skond ir-rikorrenti, l-intimati qatt ma setghu jaghmlu dan legalment ghaliex isostnu li huma kienu poggew dak l-apparat hemmhekk bi qbil u b' awtorizzazzjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir li tahtha jaqa' l-kontroll ta' l-imsemmi kumpless tal-Master Antenna fil-Gharghur, liema Awtorita`, dejjem skond ir-rikorrenti, kienet awtorizzat trasmissjoni tat-televizjoni bi prova minn hemmhekk.

Dik in-nhar stess, ir-rikorrenti fethu l-Qorti b' urgenza biex jitolbu, w effettivament ottjenew favur taghhom u kontra l-intimati, Mandat ta' Inibizzjoni Kawtelatorju, numru 1991/98 (anness mal-prezenti atti bin-Nota tar-Registratur tal-Qorti gja' fuq imsemmija), u dan sabiex l-istess intimati ma jnehhux, jew ma jghatux ordnijiet lill-haddiehor biex inehhi, l-imsemmi apparat ta' trasmissjoni, propjeta` tar-rikorrenti, li huma kienu poggew fil-kamra mikrija lilhom mill-Awtorita` tax-Xandir fil-kumpless tal-Master Antenna fil-Gharghur sabiex isiru trasmissjonijiet bi prova tat-televizjoni minn hemmhekk.

Illi insegwitu ghal dan il-Mandat kawtelatorju, ir-rikorrenti bdew il-prezenti proceduri quddiem din il-Qorti kontra l-intimati, u, fl-isfond kollu tal-fatti appena msemmija, din il-Qorti tara li dak li effettivament u essenzjalment qeghdin jitolbu r-rikorrenti jista' jigi mfisser bis-segwenti mod u sekwenza, u cioe' :  (**a**) dikjarazzjoni fil-mertu li l-Artikoli 37, 38, 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 10 u 14 ta' L-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, gew vjolati, jew x'aktarx kienu sejrin jigu vjolati, mill-intimati b'dan l-agir taghhom fil-konfront tar-rikorrenti, u (**b**) f'kaz affermattiv, li din il-Qorti, bhala rimedju, tikkonferma l-Mandat kawtelatorju msemmi w tinibixxi lill-intimati milli jghamlu dak li allegatament kienu sejrin jaghmlu li, skond ir-rikorrenti, illeda, jew x' aktarx kien sejjer jilledi, id-drittijiet fondamentali taghhom.

**Illi in linea generali, ghandu jigi mfakkar li l-Kostituzzjoni ta' Malta, l-istess bhal ma hi l-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tirrappresenta l-bilanc bejn id-drittijiet privati w s-setghat pubblici, u ghalhekk, il-gustizzja, l-ekwita' w ir-ragjonevolezza huma l-principji li ghandhom dejjem janimaw l-interpretazzjoni ta' l-istess.**

Il-fatti rilevanti, bhala mertu f'dawn il-proceduri, kunsidrati fic-cirkostanzi taz-zmien meta sehhew l-incidenti in kwistjoni, indubjament kienu rizultat ta', u in konnessjoni ma' l-inizjattiva li kien ha l-Partit Nazzjonalista f' dawk iz-zminijiet biex ikun jista' jwassal il-messagg politiku tieghu, anke permezz tat-televizjoni, kif gja' kien ilu qed isir ghal xi snin minn haddiehor, avversarju politiku ta' l-imsemmi Partit.  Ghalhekk, sabiex jottempera ruhu ma' l-Att tal-1991 Dwar Ix-Xandir, il-Partit Nazzjonalista waqqaf ir-rikorrenti socjeta' kummercjali, Multicomm Limited, biex tkun din li tmexxi l-istazzjon televiziv ghall-iskop imsemmi.

Minn dak li jirrizulta lil din il-Qorti wara ezami ta' l-atti, u wara li hadet in kunsiderazzjoni kull cirkostanza opportuna, l-gherq ta' dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti essenzjalment hu il-fattur politiku.  Jigifieri, minhabba l-opinjoni politika taghhom, li fiz-zmien li sehhew dawn l-incidenti kienet opposta ghal dik tal-partit

politiku fil-Gvern, ir-rikorrenti qed jallegaw li bl-agir ta' l-intimati, huma sofrew jew setghu jsofru, menomazzjoni fid-dritt taghhom ta' liberta' ta' espressjoni. Jigifieri, l-ilment tar-rikorrenti jista' jigi kunsidrat verament jew essenzjalment bhala l-effett ta' kawza wahda, cioe', l-opinjoni politika taghhom li meta graw l-incidenti in kwistjoni kienet ma taqbilx ma' dik tal-Gvern tal-gurnata. Skond ir-rikorrenti, fil-fatt, huma jghidu li t-tentattiv ta' l-intimati li jiehdu l-apparat ta' trasmissjoni televiziva ma jilledix biss id-drittijiet ekonomici ta' propjeta` u pussess tas-socjeta' kummercjali rikorrenti msemmija, izda wkoll id-drittijiet politici ta' partit politiku.

Illi hu f'dan l-isfond kollu, ghalhekk, li r-rikorrenti, fi ftit kliem u effettivament, qed jallegaw (**a**) li huma kienu gew trattati b' mod diskriminatorju minn persuna li agixxiet bis-sahha ta' kariga pubblika, u dan semplicement minhabba l-opinjoni politika taghhom opposta (Art. 45 tal-Kostituzzjoni), u (**b**) li bhala rizultat konsegwenzjali ta' dan l-agir diskriminatorju ta' l-intimati, huma, cioe', ir-rikorrenti gew imfixxkla fit-tgawdija tal-liberta' taghhom ta' espressjoni biex jikkomunikaw idejat u tgharif tramite x-xandir televiziv hieles u minghajr indhil (Art. 41 tal-Kostituzzjoni).

Minn naha taghhom, l-intimati essenzjalment jghidu li dak li ghamlu kien kollu kemm hu skond il-ligi, f'dan il-kaz il-Kap. 49 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghamluh in esekuzzjoni ta' ordni mghotija mill-Ministru tal-gurnata li tahtu kienet taqa' r-responsabilita' tax-xandir fil-pajjiz. L-intimati jsostnu li agixxew kontra r-rikorrenti l-ghaliex dawn ta' l-ahhar ma kellhomx il-licenzja necessarja mid-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili biex jitrasmettu bit-televizjoni, in termini ta' l-Artikolu 3 ta' l-Ordinanza Dwar it-Telegrafija Minghajr Fili. Jghidu wkoll li l-kundizzjoni li kellhom ir-rikorrenti dwar l-uzu ta' *frequency* ghal xandir televiziv kienet li huma jxandru minn post iehor li ma jkunx dak fil-kompless tal-Master Antenna tal-Gharghur, u dan l-ghaliex, skond rapport tekniku li kellhom, aktar xandir televiziv minn dan il-kumpless kien jikkaguna interferenzi w servizz televiziv hazin lill-pubbliku. L-intimati jghidu li kienu r-rikorrenti biss li qabdu w hadu l-ligi f' idejhom, u b'

dan l-agir taghhom huma vvjolaw il-principju ta’ l-istat tad-dritt u jmur kompletament kontra kull principju jew sentiment demokratiku. Jghidu, ghalhekk, li kull azzjoni li ttiehdet minnhom fid-29 ta’ Mejju, 1998, kienet wahda gustifikabbli, skond il-ligi, u sabiex ma ssir ebda vjolazzjoni tal-ligi da parti tar-rikorrenti u/jew ta’ xi kundizzjoni tal-licenzja li seta’ kellhom. Kienet azzjoni, skond l-intimati, immirata unikament biex ma tinholoqx dizordni fil-qasam tax-xandir televiziv fil-pajjiz.

Illi fi ftit kliem, ghalhekk, iz-zewg partijiet, f’din il-kwistjoni kollha, qeghdin jaddebitaw agir illegali reciproku fil-konfront ta’ xulxin. Hu l-kompitu tal-Qorti, mela, li issa tara min miz-zewg partijiet tassew agixxa kontra l-ligi, jekk kienux l-intimati bl-agir taghhom imsemmi, jew jekk kienux ir-rikorrenti kif qed jigi allegat mill-intimati. Dan jirrikjedi li l-Qorti ssemmi issa b’ aktar dettal **xi fatti importanti li jirrizultaw mill-provi fl-atti**, u cioe’, is-segwenti:

1. Illi meta r-rikorrenti rappresentanti tal-Partit Nazzjonalista, f’isem l-istess Partit, iddecidew li jibdew ixandru anke permezz tat-televizjoni, u mhux biss permezz tar-radju kif kienu ilhom jaghmlu ghal diversi snin, u ghalhekk waqqfu s-socjeta’ kummercjali rikorrenti Multicomm Limited ghal dan il-ghan, huma talbu lill-Awtorita` kompetenti, u cioe’ lill-Awtorita` tax-Xandir, biex jigu awtorizzati li jghamlu ‘test transmissions’ bit-televizjoni mill-kumpless tal-Master Antenna tal-Gharghur.

2. Illi l-Awtorita` tax-Xandir tat dan il-permess taht certu kundizzjonijiet li hi dehrilha xierqa jew opportuni w li gew accettati mir-rikorrenti.

3. Illi ghalhekk ir-rikorrenti importaw il-makkinarju necessarju biex isiru dawn it-trasmissjonijiet televizivi, inkluz ‘transmitter’ li gie rilaxxjat mid-Dwana wara li gie spezzjonat u awtorizzat mid-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili, skond kif titlob il-ligi.

4. Illi wara li a sodisfazzjon kemm tar-rikorrenti kif ukoll ta’ l-Awtorita` tax-Xandir gew diskussi zewg problemi ta’ natura teknika, cioe’ (**a**) il-problema tal-frequency, u

(**b**) il-problema mqajjma mill-Awtorita` li dan il-Master Antenna fil-Gharghur ma setghax jiflah aktar equipment fuqu peress li gja' kellu bizzejjed, u allura, kien hemm din il-problema tat-toqol ta' xi pannelli li r-rikorrenti riedu jwahhlu fuqu biex isiru dawn it-'test transmissions', sar qbil bejn ir-rikorrenti w l-Awtorita` tax-Xandir li tkun din l-istess Awtorita` li taghmel dawn it-'test transmissions' bl-equipment tar-rikorrenti mill-kumpless tal-Master Antenna tal-Gharghur, u dan specifikatament sabiex hi tkun sodisfatta li dawn iz-zewg problemi msemmija ma jezistux.

5. Illi biex ir-rikorrenti jimxu fuq dan il-ftehim milhuq ma' l-Awtorita` tax-Xandir, fid-29 ta' Mejju, 1998, huma poggew l-imsemmi 'transmitter' fil-kamra li kienet a disposizzjoni taghhom mill-Awtorita` tax-Xandir, u li qedha fil-kumpless tal-Master Antenna tal-Gharghur ghall-iskop ta' xandir, u anke bdew jwahhlu xi pannelli ghall-istess skop ma' din l-antenna.

6. Illi aktar tard matul il-jum tad-29 ta' Mejju, 1998, waqt li kien qed isir dan ix-xoghol preparattiv minn nies teknici tar-rikorrenti sabiex tkun l-istess Awtorita` tax-Xandir li taghmel hi t-trasmissjonijiet bi prova biex tkun sodisfatta li (**a**) ma jkun hemm ebda interferenzi fi stazzjonijiet televizivi ohra w li setghu, ghalhekk, jikkagunaw servizz hazin lill-pubbliku, u (**b**) li l-Master Antenna kien jiflah fuqu, bla ebda perikolu, it-toqol tal-pannelli tar-rikorrenti mwahhla fuqu biex 'jillinkjaw' mat-'transmitter' li kellhom fil-kamra vicin tieghu, telghu fuq il-post ufficcjali tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili, fosthom l-allura Direttur Nikol Scicluna, flimkien ma' ufficcjali gholja tal-pulizija w pulizija, fejn dawn riedu jwaqqfu ix-xoghol li kien qed isir ghaliex sostnew li r-rikorrenti ma kellhom ebda licenzja biex jaghmlu xi trasmissjoni televiziva minn hemmhekk, anke jekk bi prova, mahruga mill-imsemmi Dipartiment.

7. Illi fl-istess jum tad-29 ta'Mejju, 1998, aktar tard filghaxija, ghal habta ta' l-10.00 p.m., regghu telghu fuq il-post l-imsemmija ufficcjali, l-intimati f' din il-kawza, u talbu lil min kien hemm fuq il-post ihejji biex isiru t-

trasmissjonijiet televizivi bi prova, biex jikkonsenja lid-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili l-apparat kollu tar-rikorrenti, u dan taht theddida li jekk ma ssirx din il-kunsenja b' mod pacifiku, tigi sgassata l-kamra fuq imsemmija minn membri tal-Pulizija, u jigi elevat u mehud l-apparat in kwistjoni.

8. Illi kien kollu ghalxejn u inutili li r-rikorrenti, li xi whud minnhom sadanittant telghu fuq il-post waqt dawn l-incidenti, ipprovaw jipperswadu lill-imsemmi Nikol Scicluna, fil-kwalita' tieghu ta' Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, biex jikkontattja lill-Awtorita` tax-Xandir u jikkonferma li kollox kien qed isir skond il-ftehim milhuq minnhom ma' din l-Awtorita` w li kienet din li kellha taghmel dawn ix-xandiriet televizivi bi prova, u mhux ir-rikorrenti nfushom.

9. Illi l-intimat Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili baqa' jirriffjuta dak li kien qed jigi suggerit u mitlub li jaghmel mir-rikorrenti w baqa' jinsisti li kien qed jesegwixxi ordni moghtija lilu mill-allura Ministru responsabbli ghax-Xandir f'Malta, cioe' l-Onor. Joe Mizzi. Dan l-intimat baqa' jsostni li r-rikorrenti ma kellhom ebda licenzja mahruga mid-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili sabiex jghamlu trasmissjonijiet televizivi, anke jekk biss bi prova, minn dak il-post u ghalhekk kien qed jinsisti li jisgassa l-kamra w jiehu l-apparat tar-rikorrenti.

10. Illi dak li l-imsemmi intimat hedded li kien sejjer jaghmel ma sehhx l-ghaliex nel frattemp, ir-rikorrenti hadu passi urgenti bil-Qorti li bihom, ghal habta ta' nofs il-lejl tal-jum imsemmi, irnexxilhom iwaqqfu lill-intimati milli jkomplu b'dak l-agir taghhom u b'dak li heddu li kienu sejrin jaghmlu, u dan in forza tal-Mandat Ta' Inibizzjoni kawtelatorju numru 1991/98.

11. Illi sabiex ir-rikorrenti jwettqu u jikkompletaw id-decizjoni taghhom li jibdew jghamlu trasmissjonijiet televizivi, principalment l-ghaliex riedu jwasslu il-messagg politiku taghhom b'dan il-mod, l-istess bhal ma kien ilu jaghmel ghal diversi snin avversarju politiku, tramite l-Master Antenna tal-Gharghur fejn jirrizulta inkontestat li

dan l-avversarju politiku kellu zewg pannelli imwahhlin, li wiehed minnhom biss kien qed jintuza u l-iehor, ghalhekk, kien qed jokkupa spazju ghalxejn, pendenti din il-kwistjoni kollha u sakemm tinqata' darba ghal dejjem, huma bnew torri provvizorju iehor fi propjeta` privata, mhux il-boghod hafna mit-torri tal-Gharghur, u bdew jittrasmettu minn hemmhekk, kif ghadu effettivament isir sal gurnata tal-lum.

12. Illi minhabba din il-mizura provvizorja mehudha mir-rikorrenti, huma jsostnu li dahlu fi spejjes kbar, kemm dawk inzijali w kapitali, kif ukoll dawk rikorrenti w li ghadhom qed jigu nkorsi sal-lum sabiex ikomplu jxandru tramite dan it-torri alternattiv. Fil-fatt, ir-rikorrenti esebew dokument li juri li sa Novembru, 2000, din l-ispiza kienet gja' lahqet is-somma ta' Lm 164,778, apparti spejjes kapitali ohra li mhux inkluzi. Huma jsostnu li qed isofru dawn l-ispejjes kollha minhabba l-agir illegali ta' l-intimati tad-29 ta'Mejju, 1998.

Illi esposti dawn il-fatti kollha, issa l-Qorti sejra taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha in bazi taghhom.

**<u>Fl-ewwel lok</u>**, hu importanti li jintqal li ghal dak kollu li ghandu x' jaqsam ma' xandiriet televizivi, l-Awtorita` kompetenti f' Malta li tikkontrolla dan il-qasam hija l-Awtorita` tax-Xandir, imwaqqfa bis-sahha ta' l-Ordinanza Dwar ix-Xandir (Kap. 350 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-fatt l-Artikolu 10 (2)(3) jghid precizament li xandir bi smigh u ta' televizjoni jista' jsir **<u>biss</u>** b' licenzja mahruga mill-Awtorita` tax-Xandir, u tali licenzja tista' tinkludi dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet u limitazzjonijiet meqjusa xierqa mill-istess Awtorita`. Apparti minn dan l-Artikolu, izda moqri flimkien mieghu, partikolarment ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-kaz prezenti, hemm imbaghad l-Artikolu 39 (c) ta' l-istess Ordinanza li testwalment jghid hekk :

" *L-Awtorita` u kull kuntrattur tax-Xandir ma jkollhomx bzonn jiksbu licenzja biex ixandru skond l-Ordinanza Dwar it-Telegrafija Minghajr Fili jew licenzja biex jittrasmettu skond l-Att Dwar il-Korporazzjoni TeleMalta*."

Dawn iz-zewg Artikoli mehudin mill-Ordinanza Dwar ix-Xandir, ghalhekk, jiddisponu kjarament, minghajr ebda lok ghal xi interpretazzjoni differenti, li hija l-Awtorita` tax-Xandir biss, u hadd aktar, f' Malta li hija kompetenti w awtorizzata bil-ligi li tohrog dawn il-licenzji ghax-xandir bit-televizjoni. Ghalhekk l-allegazzjoni ta' l-allura Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili fil-hin u jum ta' dawn l-incidenti li l-agir tieghu kien gustifikabbli l-ghaliex ir-rikorrenti ma kellhomx licenzja mahruga mid-Dipartiment tieghu biex ixandru bit-televizjoni hija ghall-kollox bla ebda bazi legali w ma treggiex. Dan l-intimat, u ebda haddiehor, ma seta' ghalhekk igib bhala raguni l-ghaliex sar dak li sar il-fatt li r-rikorrenti ma kellhomx tali licenzja mid-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili. L-Artikolu 39 (3) fuq kwotat jispecifika bi kliem manifestament car li l-istess Awtorita` u kull kuntattur tax-Xandir ma ghandhomx bzonn li jkollhom xi licenzja biex jitrasmettu mid-Dipartiment tat-Telegafija Minghajr Fili.  Ghalhekk tali raguni mressqa mill-intimati mhiex accettabbli.

Fl-eccezzjonijiet ta' l-intimati, li, del resto, huma ripetittivi hafna, huma jesponu l-ligi kif inhi, u jghidu li mxew skond din il-ligi. Pero', dan mhux bizzejjed. Wiehed irid jara jekk il-fatti emergenti mill-agir ta' l-intimati fid-29 ta' Mejju, 1998, kif jirrizulta mill-provi, fil-fatt jinkwadrawx ruhom f'din l-esposizzjoni tal-ligi kif maghmulha tajjeb minnhom. Gja' intqal li r-raguni dedotta mill-intimati li agixxew b'dak il-mod l-ghaliex ir-rikorrenti ma kellhomx licenzja biex ixandru bit-televizjoni mghotija mid-Dipartiment imsemmi mhiex wahda tajba, u dan minhabba dak li hemm dispost fl-Artikoli 10 (2)(3) u 39 (c) ta' l-Ordinanza Dwar ix-Xandir.

**Fit-tieni lok**, l-intimat, l-allura Direttur Tat-Telegrafija Minghajr Fili, is-Sur Nikol Scicluna, jghid li hu kien qed jesegwixxi ordni mghotija lilu mill-Ministru responsabbli ghax-xandir f' Malta, l-Onor. Joe Mizzi.  Jekk verament u tassew kienx hemm din l-ordni, qatt ma gie pprovat minn dan l-intimat. Li jirrizulta biss mill-provi hija allegazzjoni tieghu li qed jesegwixxi ordni verbali mghotija mill-Ministru.

Issa, fuq din ta' ordni Ministerjali, simili ghal dik allegatament mghotija mill-Ministru responsabbli ghax-Xandir lill-imsemmi intimat, anke jekk verament kien hemm tali ordni, din ma setghet qatt tinghata verbalment. Nikol Scicluna jixhed li dik l-ordni kienet biss verbali.

Hawnhekk riferenza ghandha issir ghall-Artikolu 6 (c) tal-Kap. 249, li huwa l-Att Dwar l-Interpretazzjoni. Dan jiddisponi li meta ikun hemm xi ordni Ministerjali simili ghal dik allegatament mghotija mill-allura Ministru Joe. Mizzi, din, per necessita', u b'ligi, ghandha tinghata **bil-miktub**. Fin-nuqqas ta' ordni bil-miktub, ordni mghotija verbalment biss, bhal ma Nikol Scicluna jallega li kienet f'dan il-kaz, mhiex ordni skond il-ligi, u ghalhekk, legalment ma ghandha ebda valur u effett.

B' dana kollu, pero', il-Qorti ma tarax li l-fatt jekk kienx hemm ordni bil-miktub jew verbali biss mill-Ministru koncernat f'dan il-kaz hu il-mertu dirett f' dawn il-proceduri. Tara, izda, li dan il-fatt jista' jittiehed in kunsiderazzjoni riferibbilment ghall-ilment tar-rikorrenti li wara dawn l-incidenti tad-29 ta' Mejju, 1998, kien hemm mottiv li wassal ghal diskriminazzjoni ta' natura politika. L-ilment tar-rikorrenti huwa li dak li wassal lill-intimati biex jagixxu bil-mod li rrizulta, u dan tard hafna fis-satra tal-lejl, meta, l-intimati setghu, jekk riedu, agixxew matul il-gurnata, kien biss tentattiv minn agenti ta' l-Istat sabiex huma, cioe', ir-rikorrenti, ma jkollhomx l-istess opportunita' w facilita' li jwasslu l-messagg politiku taghhom permezz ta' xandiriet televizivi, bhal ma kien ilu jaghmel partit politiku oppost li kien fil-Gvern fiz-zmien in kwistjoni.

Issa kien x'kien il-movent li wassal lill-intimati ghal dan l-agir taghhom, bil-mod u hin li ghamluh, jibqa' l-fatt li r-rikorrenti gew sfrattati milli jikkompletaw il-pjan taghhom u dan skond ftehim milhuq ma' l-Awtorita` tax-Xandir, li, kif gja' intqal, hija l-unika Awtorita` li tirregola x-xandir bit-televizjoni fil-pajjiz. Jekk kien hemm xi ksur tal-ligi da parti tar-rikorrenti, l-azzjoni kontra taghhom kellha tittiehed mill-imsemmija Awtorita` tax-Xandir, li, f'dan il-kaz, ma hadet ebda passi kontra r-rikorrenti. Hu ovvju li din ma setghetx

tiehu passi l-ghaliex kienet hi stess li awtorizzat lir-rikorrenti li jippreparaw kollox fil-kumpless tal-Master Antenna fil-Gharghur sabiex isiru it-trasmissjonijiet bi prova, liema trasmissjonijiet kellha taghmilhom din l-Awtorita` tax-Xandir stess biex tkun sodisfatta li bil-kanal u frekwenza li hi stess kienet ipprovdiet lir-rikorrenti ghax-xandir televiziv ma kienx sejjer ikun hemm interferenzi jew dizordni ma’ xi stazzjonijiet televizivi ohra. Ir-rikorrenti gabu prova guramentata, li qatt ma giet kontestata jew kontradetta mill-intimati, li huma kienu lahqu tali ftehim ma’ l-Awtorita` tax-Xandir u li din kienet illicenzjathom sabiex isiru dawn it-‘test transmissions’ bil-mod kif intqal. Hawn qeghdin fil-kamp civili fejn il-Qorti tista’ tiddeciedi favur naha jew ohra anke fuq bilanc ta’ probabilita’. Ir-rikorrenti xehdu bil-gurament li kien hemm tali ftehim u licenzja mill-Awtorita` tax-Xandir, u minn naha ta’ l-intimati dan qatt ma gie kontestat jew b’xi mod ippruvat ghall-kuntrarju, imqarr fuq bilanc ta’ probabilita’. Il-Qorti, ghalhekk, ma ssib ebda raguni l-ghaliex m’ghandhiex taccetta din il-verzjoni tar-rikorrenti.

Ghalhekk, id-decizjoni ta’ l-allura Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, Nikol Scicluna, li minkejja ordni Ministerjali (jekk qatt kien hemm wahda) moghtija verbalment biss u mhux bil-miktub kif jirrikjedi l-Artikolu 6 (c) ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni, li jiehu l-inizzjattiva w responsabilita’ fuqu li jipprova jeleva l-apparat imsemmi fuq tar-rikorrenti u dan billi permezz tal-pulizija jisgassa l-kamra fil-pussess u kontroll effettiv taghhom li hemm fil-kumpless tal-Master Antenna fil-Gharghur, kienet certament wahda mehuda illegalment u abuzivament, u mehuda sabiex ir-rikorrenti ma jinghatawx l-istess facilitajiet ghax-xandir bit-televizjoni li kellu partit politiku iehor. Dan hu l-qofol u bazi ta’ dawn l-incidenti li inqalghu fid-29 ta’ Mejju, 1998, u xejn inqas jew aktar.

L-argumenti li l-intimati ressqu biex jiggustifikaw dan l-agir taghhom ma jsibu ebda konfort la legalment u lanqas fattwalment meta wiehed iqis x’ kienu verament il-fatti li graw, il-mod ta’ kif graw, u x’ kienet ir-raguni jew mottiv vera li wassal ghal dawk il-fatti.

Ma hemm ebda dubju fil-fehma ta' din il-Qorti li wara li issa  rat li legalment ma hemm xejn x' iggustifika dan l-agir ta' l-intimati, allura dak li gara tard bil-lejl fid-29 ta' Mejju, 1998, kien biss il-frott ta' diskriminazzjoni kontra r-rikorrenti bazata fuq motivi politici. Hu ghalhekk ferm ovvju li l-konsegwenza naturali ta' dan l-agir abuziv ta' l-intimati kienet li r-rikorrenti ma setghux iwasslu f' dawk iz-zminijiet l-opinjoni jew espressjoni politika taghhom bl-istess mod li haddiehor kien ilu jghamel ghal diversi snin liberament u minghajr ebda xkiel. Dan it-telf ta' liberta' ta' espressjoni huwa r-rizultat dirett ta' l-azzjoni mehuda mill-intimati. Ma ghandu x' jaqsam xejn li r-rikorrenti xorta irnexxielhom sussegwentement jibdew ixandru bit-televizjoni minn post iehor. Dan gara l-ghaliex ir-rikorrenti hasbu ghall alternattiva tant riedu li, bla dewmien, jibdew juzaw huma wkoll dan il-mezz ta' xandir principalment ghal skopijiet politici. Il-fatt jibqa' biss li b'dak li ghamlu l-intimati fid-29 ta' Mejju, 1998, u dan minghajr ma kien hemm xi raguni legalment valida, kif intqal qabel, ir-rikorrenti gew imcahhda mid-drittijiet taghhom sanciti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea li juzaw dan il-mezz tax-xandir sabiex liberament jesprimu l-opinjoni politika taghhom. Stante li r-rikorrenti riedu jaghmlu dan biex ikunu fl-istess posizzjoni, u xejn aktar, ta' partit politiku iehor li kien ilu qed juza liberament l-istess mezzi fil-kumpless tal-Master Antenna fil-Gharghur, u ma thallewx jaghmlu dan unikament minhabba l-agir ta' l-intimati, kif intqal, allura, hawn tohrog id-diskriminazzjoni politika.

Hu ferm evidenti, ghalhekk, li l-ispejjes kollha sussegwentement inkorsi mir-rikorrenti, u li huma ghadhom jinkorru sal-lum, kif jirrizulta mill-provi, sabiex jitrasmettu bit-televizjoni, kienu kollha dovuti ghal dan l-istess agir ta' l-intimati. Hu proprju ghalhekk, kif ukoll in linea ma' gurisprudenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg, li din il-Qorti, in bazi tas-setgha lilha moghtija bis-sahha ta' l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, thoss li f' dan il-kaz ir-rikorrenti, apparti dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' xi drittijiet fondamentali taghhom, fost ir-rimedji xierqa f'dan il-kaz, ghandhom jinghataw ukoll kumpens finanzjarju li din il-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tara li hu dak adegwat fic-cirkostanzi.  Ghandu jigi puntwalizzat u ccarat li kull

rimedju finanzjarju li din il-Qorti sejra taghti ghandu jitqies li huwa kumpens biss u bla ebda mod ma ghandu jittiehed li qieghed jinghata bhala xi forma ta' danni materjali li sofrew ir-rikorrenti. L-imsemmi sub-inciz (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi kjarament li din il-Qorti tista' taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa, u hu f'dan l-isfond ghalhekk, li din il-Qorti sejra issa tghid kif qed tiddisponi minn dan ir-rikors ta' Dr. Eddie Fenech Adami et nomine, dan billi l-ewwel taghti d-decizjoni taghha, u wara tghid x' inhu r-rimedju li qed takkorda.

6. Ser jigu issa kkunsidrati *seriatim* l-aggravji ta' l-appellanti Direttur tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili u tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-ewwel aggravju taghhom jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti sabiex "tikkonferma l-mandat kawtelatorju". L-appellanti jsostnu, kif sostnew quddiem l-ewwel Qorti, li tali talba kienet irritwali. Skond l-appellanti "l-iskop ta' kawza ma jistax ikun il-perpetwazzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni u dan kif jirrizulta ukoll minn gurisprudenza stabbilita tal-Qrati taghna gia citata mill-esponenti quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti". Fil-fatt quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti, allura intimati, ghamlu referenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell – ***Carmela sive Lina Aquilina v. Francis X. Aquilina noe. et*** deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 u ***Connie mart Anthony Galea et v. Joseph Gauci*** deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997. Jekk wiehed, pero`, jaqra sew dawn iz-zewg sentenzi, l-import taghhom huwa biss fis-sens li jekk wara li jkun inkiseb il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza <u>"ghall-jedd imsemmi fil-mandat"</u> (Art. 843(1), Kap. 12) – liema jedd ma hux <u>il-jedd li wiehed jikkawtela</u> izda <u>il-jedd li kien jehtieg il-kawtela u li jkun issa qed jigi rivendikat fil-kawza</u> – l-istess mandat ma jistax jigi perpetwat indefinittivament billi ssir talba f'dan is-sens fil-kawza. Hekk, per ezempju, fil-kaz ***Galea v. Gauci*** <u>l-unika</u> talba fic-citazzjoni kienet proprju biex il-Qorti prattikament tikkonferma l-ordni lill-konvenut sabiex ma jaghmilx dak li diga kien gie inibit milli jaghmel. Hekk ukoll fil-kaz ***Aquilina v. Aquilina***: l-attrici talbet li jigi dikjarat li hija

kellha dritt li tikkawtela id-drittijiet taghha fil-komunjoni tal-akkwisti (jedd li ma kienx gie negat lilha ghax fil-fatt kienet, precedentement ghall-kawza, kisbet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni) kif ukoll talbet li jigi konfermat il-mandat ta' inibizzjoni, minghajr pero` ma talbet il-likwidazzjoni tal-komunjoni biex b'hekk tirrivendika id-drittijiet taghha f'dik il-komunjoni ta' l-akkwisti. Kif tajjeb osservat il-Qorti ta' l-Appell fil-kaz ta' Aquilina: *"Kull mandat kawtelatorju, minn natura tieghu stess, ghandu validita` u hajja sakemm u biex il-kreditur ikollu l-opportunita` li jikkonkretizza l-kreditu tieghu f'titolu ezekuttiv – li (ukoll ismu mieghu) jippermettilu jezegwixxi l-kreditu li b'hekk ma jkollux bzonn aktar ta' kawtela."* Ghalhekk, bhala regola, l-iskop kollu ta' l-inibizzjoni jigi ezawrit appena tinghata s-sentenza li tikkonkretizza d-dritt vantat. Pero` fil-kaz in dizamina qeghdin fil-kamp kostituzzjonali, fejn persuna ghandha dritt tadixxi lill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha mhux biss biex jigi dikjarat li dritt fondamentali gie miksur, izda anke semplicement li x'aktarx ser jigi miksur; u s-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (d-disposizzjoni korrispondenti tal-Kap. 319) jipprovdi li l-Prim Awla u din il-Qorti jistghu jaghmlu dawk l-ordnijiet, johorgu dawk l-atti u jaghtu dawk id-direttivi li jqisu xierqa sabiex iwettqu jew jizguraw it-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Dan ma jfissirx li dawn il-Qrati jistghu jaghtu rimedji li jikkozzaw ma' l-ordinament guridiku Malti; ifisser, pero`, li fil-kazijiet fejn ikun hekk mehtieg jistghu, bhala rimedju, jipprojbixxu lil xi hadd milli jipprova jaghmel dak li kien bi hsiebu jaghmel. Hu huwa proprju dan ir-razjocinju tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti tad-29 ta' Lulju, 1998 riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati:

**Illi din il-Qorti, ghalhekk, tara li fl-isfond ta' dan kollu, dak li qed gustament jitolbu r-rikorrenti jista' jigi mfisser b'dan il-mod u f'din is-sekwenza, u cioe`, (1) dikjarazzjoni fil-meritu li l-Artikoli 37, 38, 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikoli 10 u 14 [u] l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, gew vjolati mill-intimati fil-konfront taghhom, u (2) f'kaz affermattiv, din il-Qorti, bhala**

**rimedju tikkonferma l-Mandat Kawtelatorju 1991/98 u tinibixxi lill-intimati milli jaghmlu dak li allegatament kienu ser jaghmlu u li, skond ir-rikorrenti illedilhom jew kien ser jilledilhom id-drittijiet fondamentali taghhom.**

Jekk wiehed irid ikun puntiljuz jista' jghid li ma kienx hemm bzonn tal-"konferma" tal-mandat ta' inibizzjoni peress li dan m'ghandux bzonn "konferma" ghax gie ezawrit appena inghatat is-sentenza; kien ikun bizzejjed li l-intimati (appellanti odjerni) jigu inibiti milli jnehhu l-apparat li riedu jnehhu (it-tieni rimedju moghti). F'dan is-sens huwa veru li l-ewwel rimedju akkordat mill-Prim Awla (kif aktar 'l fuq riportat) huwa superfuwu (u din il-Qorti hi propensa li ttajru); pero` din il-Qorti ma tarax ghalfejn l-appellanti kellhom jahlu z-zmien ta' din il-Qorti fuq punt purament akkademiku meta l-effett ta' l-ewwel rimedju u tat-tieni rimedju akkordat huwa prattikament l-istess. Dan sejjer necessarjament jirrifletti fuq kif l-ispejjez ta' dana l-appell ser jigu spartiti.

7. It-tieni aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda wkoll is-sentenza preliminari tad-29 ta' Lulju, 1998. Huma jikkontendu, bazikament, li l-Partit Nazzjonalista ma kellux *locus standi* f'din il-kawza peress li kien rapprezentat mis-socjeta` Multicomm Limited. Din il-Qorti ma taqbilx. Ghalkemm huwa minnu li skond l-Artikolu 10(5) tal-Att Dwar ix-Xandir (Kap. 350) licenzja ghal servizz ta' xandir tista' biss tinghata lil socjeta` kummercjali – u kien ghalhekk li l-Partit Nazzjonalista waqqaf is-socjeta` Multicomm – dan ma jfissirx li l-Partit Nazzjonalista m'ghandux interess guridiku f'din il-kawza. Huwa altament skorrett li jinghad, kif qed jippretendu l-appellanti, li hija din is-socjeta` biss "li ghandha interess guridiku li tippromwovi azzjonijiet dwar ix-xandir taghha". Kieku l-kawza odjerna kienet wahda purament kummercjali, jew li tinvolvi biss l-applikazzjoni tal-Kap. 350, wiehed forsi jasal biex jikkondividi dana l-hsieb tal-appellanti. Izda dak li gie allegat fir-rikors promotur tal-5 ta' Gunju, 1998 kien li anke l-Partit Nazzjonalista kien qed jigi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta` tieghu ta' espressjoni, kif ukoll li kien qed jigi

diskriminat bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni (u disposizzjonijiet korrispondenti tal-Konvenzjoni Ewropea). Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha (tad-29 ta' Lulju, 1998):

**Illi huwa verament difficli li tassumi li partit politiku ma jkollox bhala skop primarju ta' kull attivita` li jaghmel hu, li jippropaganda l-fehmiet tieghu biex jew isahhah il-fehma tal-partitarji, jew/u biex ukoll jakkwista evidentement u finalment aktar appogg u voti.**

**Illi hu f'dan is-sens ghalhekk li certament Dr. Fenech Adami, Dr. Gonzi u Dr. Zammit Dimech, bhala ufficjali gholja tal-Partit Nazzjonalista, ghandhom kull interess guridiku f'din il-kawza. Il-messagg politiku li r-rikorrenti jridu jwasslu bit-trasmissjoni televiziva permezz tal-Multicomm Limited skond il-ligi jinnecessita ghalhekk li huma ghandhom 'locus standi' f'din l-azzjoni. Hu f'dan is-sens ukoll li huma, bhala politici, u in rappresentanza ta' partit politiku li jrid iwassal il-messagg tieghu bl-istess mezzi disponibbli ghal kull partit politiku iehor, effettivament ipprospettaw li l-incident tad-29 ta' Mejju, 1998, dovut ghall-agir ta' l-intimati, illeda jew kien ser jilledi d-drittijiet taghhom bhala partit politiku li jxandar dan il-messagg tieghu fuq it-televizjoni tramite il-Multicomm Limited, u ghalhekk ghandhom kull interess li bhala partit politiku ikunu wkoll rikorrenti f'dawn il-proceduri.**

Ghalhekk dana t-tieni aggravju qed jigi respint.

8. It-tielet aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-interpretazzjoni li l-ewwel Qorti tat lill-Artikolu 39(3) tal-Kap. 350, interpretazzjoni li l-appellanti jsejhulha "semplicistika zzejjed". Skond l-appellanti huma kellhom dritt li jnehhu t-"transmitter" mill-kamra fejn kienu ghadhom kif stallawh it-teknici tal-Multicomm peress li dana t-transmitter ma kienx licenzjat taht u skond il-Kap. 49, cioe` l-Ordinanza dwar it-Telegrafija Minghajr Fili. Bazikament l-appellant jikkontendu li d-definizzjoni ta'

“telegrafija minghajr fili” fl-Artikolu 2 tal-Kap. 49 hija wiesgha bizzejjed biex tkopri wkoll l-attivita` ta’ xandir. Dak li, pero`, konvenjentement qed jinjoraw l-appellanti huwa li (1) l-Artikolu 39(3) tal-Kap 350 gie fis-sehh wara l-emendi fl-Artikolu 2 imsemmi introdotti bl-Att XI tal-1990; u (2) li fil-kaz in dizamina, kif jirrizulta car mill-provi u specjalment mid-deposizzjoni tal-Avukat Dott. Lawrence Gonzi, kienet l-Awtorita` tax-Xandir stess li kienet ser taghmel it-“test transmissions” u l-Multicomm kienet biss qed tistalla t-“transmitter” u xi “panels” fil-Gharghur u mat-Torri biex ikunu jistghu jsiru dawn it-“test transmissions” biex b’hekk il-Partit Nazzjonalista (fil-persuna guridika ta’ socjeta` kummercjali) ikun jista’ fl-ahhar jinghata l-permess jew permessi mehtiega mill-imsemmija Awtorita` biex ixandar bit-televizjoni. L-Artikolu 39(3) jipprovdi car li *“L-Awtorita` [tax-Xandir] u kull kuntrattur tax-xandir ma jkolllomx bzonn jiksbu licenza biex ixandru skond l-Ordinanza dawr it-Telegrafija Minghajr Fili jew licenza biex jitrasmettu skond l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta”* (sottolinear tal-Qorti). Hu evidenti li l-legislatur ried li l-Awtorita` tax-Xandir – awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni – ma tkunx soggetta, ghal dak li hu x-xandir maghmul minnha, ghall-permessi jew licenzji li jista’ johrog (u ghalhekk jista’ anke ma johrogx) il-ministru responsabbli mid-Dipartiment ghat-Telegrafija Minghajr Fili jew xi hadd iehor li jagixxi taht l-awtorita` ta’ dak il-ministru (ara l-Artikolu 2 tal-Kap. 49). Dana l-aggravju, frankament, jirrazenta l-fieragh.

9. Ir-raba’ aggravju tal-appellanti hu fis-sens li l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 6(c) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Pero`, kif josservaw l-istess appellanti fl-istess paragrafu fejn iqajjmu dana l-aggravju, *“…dak l-artikolu huwa ghal kollox irrelevanti ghal sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn il-ligi taghti l-poter lill-Ministru u huwa jesegwih permezz ta’ Dipartiment tal-Gvern li jaqa’ tahtu. F’dan il-kaz ma hemm assolutament ebda bzonn tal-formalita` ta’ l-ordni bil-miktub u d-Direttur huwa awtorizzat biss li jagixxi u jkun qieghed jagixxi taht l-awtorita` tal-Ministru”*. Dak li hu rrelevanti din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn telabora fuqu u tahli z-zmien. Jigi osservat biss li l-appellanti hawnhekk qed jammettu li l-

ordni ghar-rimozzjoni tat-“transmitter” (bil-konsegwenti theddida ta’ zgass mill-pulizija jekk dan ma jitnehhiex) kellu l-origini tieghu fil-poter politiku rapprezentat mill-allura ministru responsabbli mit-telegrafija minghajr fili.

10. Il-hames aggravju tal-appellanti jghid testwalment hekk:

**Illi l-argument ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens illi minkejja l-fatt illi l-atturi ma pproducewx prova ta’ x’kienet ezatt l-awtorizzazzjoni moghtija lilhom mill-Awtorita` tax-Xandir dwar it-trasmissjonijiet bi prova in kwistjoni hija kellha taccetta illi din l-awtorita` kienet tali li tawtorizza lill-atturi illi jaghmlu dak kollu li fil-fatt ghamlu salv jekk l-esponenti jippruvaw il-kuntrarju, jippekka kontra l-principju bazilari li fil-Qorti trid tingieb l-ahjar prova ta’ dak li jkun allegat u wkoll kontra l-principju fondamentali tad-dritt processwali illi “min jallega jrid jipprova”. Il-linja ta’ ragunar ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti lanqas ma jiehu ebda konsiderazzjoni ta’ dak li gie eccepit fil-paragrafu 13 tar-risposta.**

Issa, apparti li r-risposta ta’ l-appellanti, allura intimati, tat-8 ta’ Gunju, 1998 (fol. 9 sa 14) ma fiha ebda paragrafu enumerat “13” – ghalkemm, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, fiha hafna ripetizzjoni – il-provi juri bic-car li l-allura ministru responsabbli mit-telegrafija minghajr fili pprova, tramite d-Direttur tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili ta’ dak iz-zmien (Nikol Scicluna), iwaqqaf it-“test transmissions” li l-Awtorita` tax-Xandir riedet tibda taghmel bl-uzu tal-apparat ta’ l-appellati mill-Gharghur, u dan fuq il-pretest li t-“transmitter” ma kienx licenzjat skond il-Kap. 49, u dan meta l-appellant Direttur tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili kien jaf li partit politiku iehor kien qed jitrasmetti bit-televizjoni regolarment minghajr ma t-transmitter kien licenzjat skond l-imsemmi Kap. 49 (ara d-deposizzjoni ta' Nikol Scicluna tal-21 ta’ Mejju, 2000, fol. 113 *et seq.* kif ukoll dik ta’ Martin Spiteri ta’ l-istess data, fol. 123 *et seq.*). Jirrizulta sodisfacentement pruvat ukoll li f’hin minnhom, wara li l-appellati baqghu jinsistu li kollox kien in regola u li ma kien hemm ebda raguni valida skond

il-ligi ghala t-“transmitter” kellu jitnehha mill-Gharghur, membri tal-pulizija kienu ser jipprestaw is-servizzi taghhom biex il-post jigi zgassat u t-“transmitter” jitnehha bil-forza (ara d-deposizzjoni ta’ Dr. Lawrence Gonzi tal-10 ta’ Jannar, 2000, fol. 72 *et seq.*). Ghalhekk, anke jekk l-ewwel Qorti setghet, xi mindaqqiet, esprimiet ruhha b’mod mhux ghal kollox felici jew preciz, il-fatti bazici in sostenn tal-allegazzjonijiet ta’ l-appellati (allura rikorrenti) gew sodisfacentement pruvati; u ghalhekk din il-Qorti ma tarax li dana l-aggravju kif migjub jista’ b’xi mod jincidi fuq l-ezitu finali ta’ dana l-appell. Konsegwentement dana l-aggravju qed jigi wkoll respint.

11. Is-sitt aggravju ser jigi kkunsidrat aktar ‘l quddiem flimkien ma’ l-aggravju numru hdax u l-appell incidentali.

12. Is-seba’ aggravju hu fis-sens li ma kien hemm ebda lezjoni tad-dritt tal-liberta` ta’ espressjoni (kif protett bl-Artikoli 41 u 10 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament), u dan peress li “l-Istat…ma [hux] obbligat illi jipprovdi l-mezzi teknici ghall-ezercizzju tad-dritt tal-liberta` ta’ espressjoni mir-risorsi tieghu”; kif ukoll li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. It-tmin aggravju, imbghad, hu fis-sens li ma kien hemm ebda lezjoni tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni peress li ma kien hemm ebda “konfiska” jew hsieb ta’ “konfiska”. Jikkontendu wkoll l-appellanti (dan hu d-disa’ aggravju) li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ghax “il-minaccja tad-dhul fil-kamra allokata lill-atturi [recte: appellati] fil-kumpless tal-Master Antenna la sehh u lanqas ma kien xi dhul illi l-ligi ma tippermettix u, anzi, kien ghall-kuntrarju, dhul in ezekuzzjoni tal-ligi”. Issa, il-punt kollu f’dan il-kaz kien, kif diga nghad aktar ‘l fuq, li r-ram Ezekuttiv tal-Gvern, fuq il-pretest li t-“transmitter” ma kienx licenzjat skond il-Kap. 49, ipprova jzomm milli jsiru t-“test transmissions” li kienu parti essenzjali mill-process sabiex il-Partit Nazzjonalista eventwalment ikun jista’ jibda jxandar regolarment permezz tat-televizjoni, u dan meta kien jaf, jew messu kien jaf, li partit politiku iehor kien ilu qed jitrasmetti b’”transmitter” li ma kienx licenzjat skond l-

imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta. Kif diga nghad ukoll aktar 'l fuq, kien hemm il-minaccja li jekk l-appellati ma jnehhux it-"transmitter", il-pulizija kienu ser jidhlu bil-forza fil-kamra fejn kien l-istess "transmitter" u jnehhuh huma. L-appellanti jitfghu il-gebla fuq saqajhom meta jikkontendu li l-ordni biex jitnehha l-apparat in kwistjoni kien "konformi ma' l-Artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija Minghajr Fili illi jobbliga lil kull min ikollu apparat tat-telegrafija minghajr fili biex jaghtih lill-Ministru, kemm jekk ikun apparat kopert b'licenzja kif ukoll jekk le, meta hekk jintalab" (sottolinear ta' din il-Qorti). Apparti li din id-disposizzjoni ghandha dejjem tigi applikata konformement mal-Kostituzzjoni u mad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni, u mhux b'mod li jinkisru il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, kieku f'dan il-kaz twettaq il-hsieb tal-Ezekuttiv it-"transmitter" kien allura ser jittiehed mill-ministru. Dan kien, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, jammonta mhux biss ghal interferenza illegittima fil-pacifiku pussess tal-possedimenti tal-appellati (Artikolu 1, l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni), izda kien ikun jammonta wkoll ghal "tehid" bi ksur tal-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk dawn l-aggravji kollha qed jigu respinti bhala infondati.

13. Dwar l-ghaxar aggravju, din il-Qorti ftit li xejn ghandha xi tghid. L-appellant Kummissarju tal-Pulizija jilmenta li hu, jew ahjar l-ufficjali tieghu, kienu hemm prezenti ghall-"incident" tad-29 ta' Mejju, 1998 "biss ghal skopijiet ta' zamma ta' buon ordni u biex iwettaq id-dmirijiet normali tieghu skond il-ligi u li huwa ma kienx l-awtur tad-decizjoni impunjata". Ma' dak li diga nghad dwar l-agir tal-pulizija f'dan il-kaz, ossia x'kienu bi hsiebhom jaghmlu jekk l-appellati ma jikkonsenjawx it-"transmitter" lid-Direttur tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili, din il-Qorti zzid semplicement tghid li ghalkemm il-Kummissarju ma kienx l-"awtur" tad-decizjoni hu, tramite s-subalterni tieghu, kien preparat li jippartecipa biex jezegwixxi dik id-decizjoni bi ksur tad-drittijiet fondamentali tal-appellati. Ghalhekk kienet korretta l-ewwel qorti li sabitu wkoll responsabbli ghall-agir illegali li rrizulta.

14. Il-Qorti ser tikkunsidra issa s-sitt u l-hdax-il aggravju tal-appellanti kif ukoll l-appell incidentali. Dawn

jikkoncernaw l-istess punt, u cioe` d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tikkundanna lill-appellanti (allura intimati) ihallsu bhala kumpens ghall-lezjoni tad-drittijiet fondamentali tal-Partit Nazzjonalista u tas-socjeta` Multicomm is-somma ta' ghoxrin elf lira. L-appellati, fl-appell incidentali taghhom, jikkontendu li huma messhom inghataw l-ekwivalenti tad-"danni reali kollha" li huma sofrew minhabba l-agir tal-appellanti, u cioe` s-somma ta' Lm164,778 (skond il-prospett ezibit a fol. 82). L-appellanti, mill-banda l-ohra, jikkontendu li l-ispejjez li il-Partit Nazzjonalista jghid li inkorra fihom ma kienu b'ebda mod marbuta mal-incident tad-29 ta' Mejju, 1998. L-appellanti b'mod partikolari jghidu hekk:

**…huwa sottomess illi s-sentenza appellata tonqos milli taghti l-importanza xierqa lill-fatt illi t-trasmissjonijiet li l-atturi** [recte: l-appellati] **flimkien ma' l-Awtorita` tax-Xandir kellhom jaghmlu kienu biss 'test transmissions' intizi unikament biex jigi stabbilit jekk huwiex minnu illi t-torri tal-Master Antenna fil-Gharghur kienx jiflah xandiriet izjed minghajr ma tigi kkagunata dizordni. L-ewwel Onorabbili Qorti donnha haditu *a priori* bhala benfatt illi dawn it-"test transmissions" kienu ser juru illi t-torri kien fil-fatt jiflah tali trasmissjonijiet u illi l-evalwazzjonijiet teknici maghmula precedentement u li kienu jsostnu li t-torri ma kienx jiflah aktar xandara kienu mafaldeski jew affetti minn zball tekniku manifest. Din il-konkluzjoni mhix sostnuta mill-provi jew gustifikata u ghalhekk lanqas ma huwa gustifikat id-*dictum* ta' l-ewwel Onorabbili Qorti fis-sens illi *"Hu ferm evidenti, ghalhekk, li l-ispejjez kollha sussegwentement inkorsi mir-rikorrenti, u li huma ghadhom jinkorru sal-lum, kif jirrizulta mill-provi, sabiex jitrasmettu bit-televizjoni, kienu kollha dovuti ghal dan l-istess agir ta' l-intimati"* u dan billi ma gie stabbilit ebda ness ta' kawzalita` cert bejn dik id-decizjoni, li del resto qatt ma giet ezegwita, u dawk l-ispejjez.**

Frankament din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, ma tistax hlief taghti ragun lill-appellanti fuq dan il-punt. Ma hemm assolutament ebda prova li l-ispejjez li gew

inkorsi skond il-prospett aktar 'l fuq imsemmi kienu dovuti, direttament jew indirettament, ghal dak li gara fid-29 ta' Mejju, 1998. Kif fisser tajjeb ix-xhud Dr. Lawrence Gonzi fid-deposizzjoni tieghu tal-10 ta' Jannar, 2000, dak li kien hemm il-hsieb li jsir bl-istallazzjoni tat-"transmitter" u tal-pannelli kien li jsiru trasmissjonijiet bi prova mill-Awtorita` tax-Xandir proprju biex jigu spjanati certu problemi li kien hemm (ara fol. 74). A fol. 81 dan ix-xhud qal hekk:

**Proprju biex naqtghuha darba ghal dejjem illi t-testijiet mit-Torri tal-Gharghur ma jtellfux lil ebda stazzjon iehor. Dan li tlabna ahna. U allura jekk jigi stabbilit dak imbghad ikun possibbli li ahna nitrasmettu imbghad b'mod permanenti minn dan it-torri. Mela kullma tlabna kien li jsir test. L-Awtorita` tax-Xandir qaltilna, iva t-test naghmlu jien, l-Awtorita` lanqas il-Partit Nazzjonalista ma kienet ser taghmlu dan it-test. Kienet ser taghmlu l-Awtorita` tax-Xandir u stabbilit erbghat ijiem. Litteralment erbghat ijiem li matulhom kellhom isiru t-testijiet mill-Awtorita`. L-unika haga li l-Partit Nazzjonalista kellu jaghmel biss huwa li jtella' l-"equipment" tieghu u l-pannelli tieghu. Ghaliex? Ghax ovvju li l-Awtorita` tax-Xandir riedet taghmel testijiet bl-"equipment" tal-Partit Nazzjonalista. Ghax trid tkun taf jekk l-"equipment" tal-Partit Nazzjonalista kienx ser itellef b'xi mod jew iehor xi "channel" iehor.**

Din il-Qorti ma tistax tifhem – u mill-provi dan ma jirrizulta b'ebda mod spjegat – ghala, la darba kien hemm il-mandat ta' inibizzjoni kontra d-Direttur tad-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili u kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, dawn it-testijiet baqghu ma sarux. Wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni u fil-pendenza tal-kawza, certament ma kienux l-appellanti li kienu qed izommu dawn it-testijiet milli jsiru. Anke mid-deposizzjoni ta' Joseph Saliba (fol. 88 *et seq.*) wiehed ma jista' jara ebda ness ta' kawza u effett bejn l-agir tal-appellanti (allura intimati) u l-ispejjez li in segwitu dahal fihom il-partit Nazzjonalista. Certament mhux bizzejjed, biex wiehed jigi kkundannat ihallas somma ta' ghoxrin elf lira (jew kwalsiasi somma, jekk nigu ghal hekk), li wiehed semplicement jallega, kif ghamel ix-

xhud Saliba, li kien hemm, bhala konsegwenza tal-incident ta' Mejju, dawk l-ispejjez minghajr ebda spjegazzjoni ohra. Jekk wiehed jara sew id-deposizzjoni ta' dan ix-xhud isib li anke l-ewwel Qorti kellha xi perplessita` dwar kif huwa kien qed jorbot dawna l-ispejjez mal-incident tad-29 ta' Mejju (ara in partikolari fol. 90). Jigi precizat ukoll li fir-rimedji mitluba mill-appellati fir-rikors promotorju taghhom ma hemm xejn la remotament u lanqas b'mod implicitu, li hu relatat ma' rimedji pekunjarji. Ghall-kuntrarju, ir-rimedji mitluba jikkonsistu specifikatament f'dikjarazzjoni (i) illi l-agir ta' l-intimati appellanti illeda d-drittijiet taghhom kif sanciti bl-Artikoli 38, 37, 41 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikoli 10 u 14 ta' l-istess konvenzjoni, (ii) li l-Qorti tikkonferma l-mandat kawtelatorju ottenut minnhom, u (iii) tinibixxi lill-appellanti milli jnehhu jew jaghtu struzzjonijiet lil haddiehor biex inehhi l-apparat *de quo* fil-kumpless tal-Master Antenna fil-Gharghur. L-ewwel accenn li sar dwar il-possibilta` ta' konsiderazzjonijiet rimedjali li jikkomprendu l-hlas ta' kumpens kien fin-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-appellati dwar it-tieni eccezzjoni ta' l-intimati – ara nota taghhom tad-19 ta' Gunju 1988, a fol. 18-19 tal-process – fejn sar accenn ghal hlas ta' kumpens hekk imsejjah morali jew simboliku kif deciz fil-kawza "Dr. G. M. Camilleri vs Ministru Turizmu" (sic). Pero` anke hawn, l-appellati enfasizzaw ghal darb'ohra li, kwantu ghat-tieni eccezzjoni ta' l-intimati, il-kawza taghhom "ma hiex biss kawza ta' proprjeta`. Hija kawza ta' espressjoni politika u ta' deskriminazzjoni kontra partit politiku fl-Opposizzjoni bazata mhux fuq kriterji kummercjali izda politici". Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, galadarba kien hemm il-mandat ta' inibizzjoni, it-"test transmissions" setghu liberament isiru, u jekk ma sarux certament m'ghandhomx jehlu ta' dan l-appellanti. Ghalhekk ukoll ir-rimedju f'dan il-kaz ma kellux ikun li l-appellanti jigu kkundannati jhallsu parti minn dawk l-ispejjez, izda kienet bizzejjed id-dikjarazzjoni li kien hemm lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti u r-rimedji bin-numru 2 u 3 aktar 'l fuq indikati (paragrafu 4 ta' din is-sentenza); dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt li r-rikorrenti appellati jista' jkollhom fil-konfront ta' l-appellanti ghal danni materjali.

15. Ghall-motivi premessi, tiddisponi miz-zewg appelli bil-mod segwenti:

1. tirrespingi l-appell incidentali tal-appellati;

2. tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkonfermat il-mandat kawtelatorju numru 1991/1998 (l-ewwel rimedju akkordat mill-ewwel Qorti), kif ukoll fejn ikkundannat lill-intimati (l-appellanti odjerni) sabiex "in solidum" bejniethom ihallsu lir-rikorrenti (Partit Nazzjonalista u socjeta` Multicomm) in linea ta' kumpens is-somma ta' ghoxrin elf lira (Lm20,000); u

3. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, hlief ghal dawk konnessi ma l-appell incidentali, ghandhom jigu sopportati mid-Direttur tal-Wireless and Telegraphy Department u mill-Kummissarju tal-Pulizija (cioe` mill-intimati appellanti) solidament bejniethom; dawk tal-appell incidentali ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti appellati (cioe` Partit Nazzjonalista u socjeta` Multicom), ukoll solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------